TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Romina Bugeja

vs

KSL Limited

CCT 157/24/MS

9 ta' April 2025

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentiipprezentat fid-29 ta' Lulju 2024 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata/azjenda intimata thallasha s-somma ta' tlett elef euro, depozitu imhallas ghal sistema ta' panelli solari liema sistema qatt ma giet konsenjata u dan minkejja diversi weghdiet tant li r-rikorrenti tilfet kull fiducja fil-kumpanija. Ghalhekk ir-rikorrenti talbet li l-kuntratt jigi terminat u d-depozitu jigi rifuz lilha.

Ra li minkejja debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh bil-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni, is-socjeta' intimata naqset li tipprezenta risposta u ebda rapprezentant taghha m'attenda quddiem dan it-Tribunal.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Sema' x-xhieda ta' Romina Bugeja bil-gurament.

Ra r-regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur (L.S378.01);

Ra li t-talba thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Lulju 2023, ir-rikorrenti hallset tlett elef euro ghal sistema ta' panelli solari - (X8 Swiss Solar + 3.68KTLInverter). B'kollox il-pannelli kienu jiswew sitt elef euro, pero' l-ftehim kien illi r-rikorrenti thallas tlett elef euro u l-bilanc li fadal jithallhas mill-grant tal-gvern. Il-pannelli kellhom jitwahhlu f'Settembru 2023, pero' ir-rikorrenti ma semghet xejn. Sussegwentement giet infurmata illi l-pannelli ma kienux ghadhomt waslu u wara hafna zmien gie xi hadd ikejjel il-bejt fis-sena 2024, pero' xorta wahda baqghet minghajr il-pannelli. Darba kienu weghduha illi ha jithallsu f'Awwissu 2024, pero' fil-fatt dan ma setax isir ghaliex il-grant tal-Gvern kien ghalaq fid-9 ta' Awwissu. Darb'ohra qalulha illi ha jhallu l-pannelli fuq il-bejt u jigu jwahhluhom darb'ohra, izda hi ma accettatx ghaliex il-pannelli ma kienux l-istess pannelli li ordnat hi u sadanittant kiene tilfet kull fiducja.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha. Peres illi hadd ma deher mis-socjeta' intimata, it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' dokumentazzjoni jew versjoni ohra li tikkontrasta dak li qed tallega r-rikorrenti, liema versjoni, appart li hija korroborata bid-dokumenti, ghandha mis-sewwa. Apparti minn hekk, in-nuqqas ta' attendenza ikompli jikkorrobora il-versjoni tar-rikorrenti dwar l-attegjament dilettantesk u xejn professjonali tas-socjeta' intimata u t-Tribunal m'ghandux dubju minn dak kollu li xehdet ir-rikorrenti.

Wara lil ra wkoll l-artikolu 12.1 tal-L.S 378.01 u l-artikoli 73 et seq tal-Kap 378, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ghandha d-dritt li tittermina l-kuntratt u tiehu lura l-flus li thallset.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, jittermina l-kuntratt bejn il-partijiet u jordna l-isocjeta' intimata tirrifondilha s-somma ta' tlett elef euro.
Bl-imghaxijiet u l-ispejjes skond il-ligi.

**Dr Michela Spiteri, LL.D.**

**Arbitru**